MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 378/2010

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja ta' Santa Liena Birkirkara fl-20 ta' Lulju 2002, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, u ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

I. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat ft-20 ta' Lulju 2002, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti tal-attrici.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk waqa’ kontumaci.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici.

Rat l-atti kollha;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2012 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**PROVI.**

L-attrici xhedet bil-mezz ta’ affidavit (fol. 11 et. Seq.). Fix-xhieda taghha l-attrici tirrakkonta it-tbatijiet li ghaddiet minnhom kagun ta’ sitwazzjonijiet gravissimi ezistenti fid-dar tal-genituri taghha fil-perijodu antecedenti iz-zwieg tal-partijiet li irrendew il-hajja tal-attrici gewwa d-dar tal-genituri taghha mhux biss infelici izda totalment insopportabbli. Hija tispjega abbuz li skond hi sofrew hutha ghal numru ta’ snin gewwa d-dar tal-genituri.

Hija baqghet ghaddejja bl-istudji taghha u meta kellha madwar tmintax-il sena ommha u missierha kienu tista’ tghid isseparaw *de facto* ghalkemm baqghu jghixu taht saqaf wiehed.

Dwar ir-relazzjoni taghha mal-konvenut xhedet hekk:-

“Jien sadanittant kont iltqajt ma' D E u bdejt nohrog mieghu. Iltqajt mieghu f’tieg ghax mort guest ma' habiba tieghi. Iltqajt mieghu fit-8 ta' Dicembru 1998. Kelli tmintax-il sena. Kont rajtu bil-ghaqal u jahdem hafna. Mill-ewwel kelli l-hsieb li nizzewweg ha nfittex nitlaq u nahrab minn dak it- tharbit u tkissir ta' familja. Iz-zwieg rajtu dak iz-zmien bhala c-cavetta tal-helsien tieghi.

Jien u D konna niggieldu spiss, il-hin kollu izda ma ridtx nitlefl-opportunita li f’ghajnejja ta' frustrata kif kont, rajtha tajba. L-affarijiet ma D xejn ma kienu sew u dejjem kona inhassru u niggieldu. Mhux ghal gurnata jew tnejn imma gieli anke ghamilna xahrejn mifrudin. Ma konna naqblu f xejn imma jien lilu ma ridtx nitilfu ghax kont narah bhala cavetta ghal liberta li dejjem xtaqt. Allura dejjem ergghajna spiccajna flimkien. Kulhadd kien jghidli li ma kienx jghodd ghalija, familjari, hbieb u anke ghand psycologists li kont immur ghandhom biex infittex l-ghajnuna. Pero jien sforz il-genn kbir li kelli biex nitlaq mid-dar qatt ma tajt kaz lil hadd u bqajt naghmel fattija.

Il-familja tieghi inqassmet fi tnejn dik il-habta ghax jien u ohti l-kbira zammejna u appoggajna lil ommi, u hija l-kbir u ohti l-ohra riedu lil ommi zzomm lil missieri maghha.

Jien ghaggilt biex inheggeg lil D sabiex nizzewgu ghax kien xtara post u beda jirrangah. Dan qatt ma seta' jifhem ezattament x'kien ghaddej fil-familja taghna u jien fettilli nghidlu kollox u dan minflok taghni appogg morali telaqni! Jien hasejtni mitlufa u abbndunata. D imbaghad thassarni u waqa ghalija rega'. Jien hadt ir-riih u ghidtlu li dak li ghidtlu kont ghidtulu biex jingibed aktar lejja u ma kien xejn veru. Nahseb li emminni. Dejjem hassejtha li kienet xi haga umiljanti li nghid fuq missieri. Naturalment ma kontx se nghid lilu ghalfejn ridtu at all costs u allura bqajna naghmlu l-preparamenti ghat-tieg. Lanqas nghodd kemm-il darba hassart il- bookings kollha ghax konna niggieldu u mbghad nerga' naghmilhom.

Qabel iz-zwieg jien u D dejjem on and off. Tlett snin dejjem miggieldin sakemm fl-ahhar pruvajt nissoda mieghu, imma kollu ta xejn ghax ma qbilna qatt.

Fi Frar tas-sena 2002 skoprejna li kont qed nistenna tarbija u jien hadtha hafna bi kbira. Kien xokk iehor, allura bejn b'misthija u bejn biza' minhabba li hrigt tqila, ddecidejna li nizzewgu fl-20 ta' Lulja ta' dik is-sena stess. Kelli dubju kbir minn dak li kont ser naghmel. Ta' immatura li kont ta wiehed u ghoxrin sena hsibt li z-zwieg kien se jnessini kollox. Fi tlett snin u nofs gherusija qatt ma qbilna. Lanqas tigbor sena li ghaddejna flimkien minn dawk it-tlett snin, u wara z-zwieg l-affarijiet iggravaw. Sima niggieldu aktar. Ma kien jithimni fxejn. Dejjem jidghi u jghajjami mignuna. Kont tlaqtu u mort *'merhba bik'* ghal xi jiem wara sena zwieg. Ergghajt mort lura biex nirrangaw l-affarijiet imma ma tranga xejn. Kont tant imdejjqa. Kont nitlob lil Alla johodni kuljum biex nistrih u nehles.

FI-4 ta Lulju 2004 kelli ikla ma shabi ghax kienet se tizzewweg wahda minnhom u moma paceville. Jien xrobt u waqajt hazin immens u bdejt ingib quddiem ghajnejja hajti,b'dak li ghaddejt minnu, dak li kont ghaddejja fil-rnument presenti u ma flahtx aktar. Tlaqt minnufih u cempilt lil D u ghidtlu biexjiehu hsieb it-tifla! Pero shabi ghinuni u mghamlitx hmerijiet.

Minn dak iz-zmien iddecidejt li ma stajtx nibqa nghix f'din il-hajja u nidhak bijja nnifsi u b' D. Ghax jien lilu qatt ma habbejtu. Ridtu jkun is-salvatur tieghi u r-refugju. Dan qatt ma seta' jsir. Bdejt il-procedura tas-separazzjoni minnufih u hadt Iura lil binti li hija l-wens u l- ghaxqa tieghi. Fost hafna qrati u affarijiet hadt is-separazzjoni f’Marzu tas-sena 2007.”

Fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2012 l-attrici tat xhieda *viva voce*:-

Mistoqsija x’kienet ir-reazzjoni taghha, tal-konvenut u tal-genituri ghall-ahbar li hi kienet tqila xhedet hekk:

“Xhud: Ommu u missieru haduha bi kbira hafna, specjalment ghax iktar miggildin milli paci, tipo kulhadd kien jghidli biex inhassar. Anki l-mama’ tieghi kienet qaltli ma jimpurtax jitrabba, qaltli imma tghoddux ghal flimkien.

Qorti: Taghtek raguni?

Xhud: Hu tip salvagg hafna, qas nista’ nkellmu. Minn dak it-tip illi l-mara ghalih m’ hi xejn. Ghalih il-mara postha d-dar mal-kcina, x’ hin jigi r-ragel bilfors l-ikel lest inkella storja, dak it-tip uomo. Jien ma kont xejn, assolutament qatt xejn.

Qorti: Imma kont tohrog mieghu hux?

Xhud: Kont nohrog mieghu ghax kont inhossha bi tqila li nerga’ nibda relazzjoni ma’ xi hadd iehor u nerga’ nibda kollox mill-gdid minhabba l-fatt illi d-dar kont imdejjqa hafna minhabba s-sitwazzjoni li kelli d-dar.”

“Qorti: Ta’ min kienet id-decizjoni li tizzewgu?

Xhud: Jien biex infittex nitlaq.

Qorti: U hu accetta?

Xhud: Accetta mbaghad ghax kont tqila imma kemm-il darba hassarna l-affarijiet tat-tieg, il-bookings u

mbaghad nergghu nirrangaw, qisni sibtha bi tqila biex ma tafx inti. Kont ghidt jien issa min se jehodni b' tifla, qisni bzajt.".

Hija tkompli tispjega episodji ta' vjolenza fid-dar u li l-konvenut kien iqatta' hafna hin barra mid-dar b'impieg li kien bis-shifts inkluz bil-lejl u xoghol part-time ta'tile layer.

Xhedet ukoll Maria Assunta C, omm l-attrici, bil-mezz tal-affidavit:-

"Jien nigi omm A C. It-tifla kienet izzewget lil D E fit-22 ta' LuIju 2002. Hi kienet qed tistenna t-tarbija taghhom qabel ma zzewgu. Kien ilhom flimkien xi tlett snin qabel iz-zwieg pero naf li dejjem ihassru tul l-gherusija. Jekk tasar iz-zmien li fil-fatt damu flimklien qabel iz-zwieg bilkemm tohrog sena shiha. Kienu jiggieldu hafna minn dejjem.

Il-verita kienet li A izzewget ghax riedet titlaq mid-dar taghna tal-genituri taghha. Jien skoprejt li zewgi kien jaghmel affarijiet gravi fid-dar taghna stess wahdu u anka mat-tfal taghna stess. Jien ghall-ewwel ma ridtx nemmen li zewgi jasal biex jaghmel affarijiet ta abbuz sesswali u kont hsibt li dak li qaltli t-tifla l-kbira kien gideb ghax hi stess kienet qaltli wara li gidbet pero sirt naf li ghamlet hekk ghax kienet mhedda minn missierha li joqtolha. Meta A kellha xi tmintax-il sena it-tfal qaluli l-verita kollha fuq missierhom quddiemu stess u jien emmint u ggennint b'dak li smajt mit-tfal tieghi stess.

A izzewget biex titlaq mid-dar. Kienet tibza minn missierha ghax kienet taf x'kien qed jigri god-dar meta jien ma kontx inkun hemm. Kienet tibza li kif kien jaghmel lil huta kien ser jaghmel lilha ghalhekk ghaddiet minn trawma kbira u kellha seba mitt sena biex titlaq mid-dar. Rat iz-zwieg bhala s-soluzjoni biex tahrab mill-infem li kienet tinsab fih.

Fl-ahhar zewgi kien ammetta kollox u prova anka jnehhi hajtu b'idu minhabba f'hekk. Huwa miet u ahna sibna ftit tal-paci.

A telqet lil D xi sena u ftit wara z-zwieg."

Il-konvenut D E xhed permezz ta’ affidavit li jinsab a fol.29 tal-process.

“Jien kont izzewwigt lil A fl-20 ta' Lulju 2002. Skoprejna li kien ser ikollna tarbija fi Frar 2002 u minhabba t-tqala izzewwigna mill-ewwel, hames xhur wara konna diga mizzewgin.

It-tarbija ma kienixt ppjanata.

Jien u A nammetti li dejjem kellna l-inkwiet bejnietna, fil-fatt dejjem niggieldu mill-bidu nett taz-zwieg, anzi nghid li minn qabel iz-zwieg.

Il-genituri tieghi u anka ommha kienu jarawna dejjem niggieldu qabel iz-zwieg u fil-fatt kemm ommha kif ukoll il-genituri tieghi kienu jghidulna biex inhassru qabel iz-zwieg.

Naf li A kellha hafna problemi mal-genituri taghha, hajjitha d-dar taghha kienet infern minhabba li kien hem m abbuzz min-naha ta' missierha, ghalhekk kellha genn biex tehles minn dak l-infern li ghaddiet minnu ghal snin twal.

Qabel iz-zwieg hassarna r-relazzjoni kemm-il darba u anka wara z-zwieg.

Fil-fatt wara ftit inqas minn sena hi telqet izda imbaghad konna ergghajna irrangajna minhabba it-tifla.

Hi fil-verita ma riditx tizzewweg izda hasbet li kienet ser tehles mill-infern tad-dar taghha.

Jien naqbel li z-zwieg taghna qatt ma kien zwieg u naqbel li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara z-zwieg taghna null.”.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**L-Azzjoni Attrici.**

L-attrici fil-premessi taghha qed titlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null ghaliex skond l-atttrici:

"Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."

L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Artikolu 19 (1) (f) tal-Att jipprovdi illi zwieg huwa wkoll null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ikkunsidrat;

Ezami tal-provi imressqa juri minghajr ebda ekwivoku li l-artikolu 19 (1) (f) fuq citat ma hux applikabbli ghall-kaz in dizamina. Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizzjoni li ghalkemm kien ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, huwa kien qed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzewweg izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoniji taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri, per ezempju iz-zwigijiet ta' konvenjenza sabiex dak li jkun jottjeni passaport Malti. Fil-fehma tal-Qorti ma ngabu l-ebda provi li jindikaw li xi hadd mill-partijiet kien qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg b'dan l-animu.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (f) fuq citat ma treggiex.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tas-sub inciz (d) jinghad is-segwenti.

Biex l-azzjoni attrici tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li il-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta. Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob id-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg civili taghha mal-konvenut. Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili. Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta' dan il-Kodici, intitolat "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jinghad hekk:

*"2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"*

Ikkonsidrat;

Mill-provi imressqa jirrizulta ampjament car illi minn zmien sew qabel mal-partijiet izzewgu ir-relazzjoni taghhom kienet diga hazina hafna. Sew l-attrici kif ukoll ix-xhieda ta' ommha juru illi l-gherusija taghhom kienet mizghuda b'episodji ta' glied u firdiet.

L-attrici tispjega li fi Frar tas-sena 2002 skopriet li kienet tqila u kien ghalhekk li accelleraw id-data taz-zwieg taghhom u izzewgu f'Lulju tal-istess sena. Ghalkemm huwa minnu li l-partijiet damu circa tlett snin u nofs johorgu flimkien qabel izzewgu, certament illi ic-cirkostanza tal-gravidanza mhux pjanata tal-attrici ziedet il-pressjoni fuq il-partijiet. Tali cirkostanza, li ghalkemm wahedha ma hiex bizzejjed sabiex tohloq fil-kunsens matrimonjali dak il-vizzju li jwassal ghall-invalidita' tal-kunsens, xorta tali cirkostanza ghandha tigi ezaminata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jekk din kelliex effett fuq il-validita' o meno tal-kunsens tal-partijiet.

Il-provi juru li matul l-gherusija li damet ghaddejja circa tlett snin u nofs, il-partijiet aktar ghamlu miksurin u ma jiltaqghux milli jiltaqghu. Omm l-attrici tiddeskrivi iz-zmien komplessiv waqt l-gherusija li l-partijiet kienu rikonciljati bhala li ma kienx jeccedi sena. Il-kumplament glied.

Dak li ghandu jigi deciz huwa jekk dawn il-fatti humiex sufficjenti sabiex zwieg jigi dikjarat null *ab initio*.

Ikkunsidrat;

Il-Gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Ghalhekk wiehed irid jistaqsi: kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet li jirrendi l-kunsens moghti invalidu ghall-finijiet tal-ligi?

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet “**Anna Tonna vs. Alexander Tonna**” deciza fis-6 ta’ Novembru 1991 iddikjarat hekk:-

“F’materja ta’ żwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta’ żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-ieħor

.
Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju.”

F’sentenza ohra moghtija wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet “**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**” (27 ta’ Jannar, 2006) jinghad hekk:

“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe’ li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.

- omissis –
-
Illi rigward id-dispożizzjoni kontenuta fis-sub-inciż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li ż-żewg partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta’ l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewga

jew id-dritt għall-att taż-żwieg u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jigi enfasiżżat li nullita' ta' żwieg bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieg minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' gudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewg kawżali toħrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieg li jkun hemm tali kapacita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali."

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet "**Mario Mizzi vs Maris Mizzi**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 li:-

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."

Fuq it-tema tal-validita' ta' kunsens moghti issir referenza wkoll ghal decizzjoni moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Lawrence Attard vs George Attard**" deciza fit-30 ta' Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: "Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni...........Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**" deciza fit-28 ta' Lulju 1987:-

"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett.........Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".

Ikkunsidarat,

Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba din il-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-partijiet fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg ma kienx afflitt b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Il-Qorti hija tal-fehma li meta z-zewg partijiet kienu qed jaghtu l-kunsens taghhom, it-tnejn kienu jafu x'timporta l-hajja mizzewga u x'inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet naxxenti mill-istess. Il-Qorti temfasizza illi bl-introduzzjoni tad-divorzju ghaz-zwieg civili ir-regoli rigwardanti il-validita' u n-nullita' taz-zwigijiet civili baqghu mhux mittiefsa.

Ir-regoli dwar in-nullita' taz-zwieg huma rigoruzi ghaliex jistipulaw meta kuntratt taz-zwieg civili ghandu jigi kkunsidrat bhala li qatt ma sehh, b'differenza ghar-regoli ghal talba ghad-divorzju fejn iz-zwieg civili jibqa' validu mill-jum tac-celebrazzjoni tieghu sal-jum li jinhall.

Il-hajja xejn felici tal-attrici sew qabel kif ukoll wara c-celebrazzjoni taz-zwieg ma tirrendiex wahedha zwieg null.

Mill-provi imressqa il-Qorti ma rriskontratx xi prova li parti jew ohra kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq xi wahda mid-dmirijiet essenzjali ghaz-zwieg.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------